A.L. 20 ta' l-1993

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI
(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Statut I14 — L-Istitut ta' l-Agrikultura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dan l-Istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 31 ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut I14 — L-Istitut ta' l-Agrikultura.

STATUT I14 — L-ISTITUT TA' L-AGRIKULTURA

1. B'dan qed jitwaqqaf fl-Università l-Istitut ta' l-Agrikultura.

2. L-Istitut għandu dawn l-iskopijiet:

(a) li jorganizza korsijiet li jwasslu għal gradi u diplomi fix-xjenzi ta' l-agrikultura;

(b) li jagħmel tiftix fix-xjenzi ta' l-agrikultura b'riferenza partikolari għall-ħtiġijiet ta' l-agrikultura Maltija;

(ċ) li jgħin fl-iżvilupp tal-pjanijiet nazzjonali ta' l-agrikultura u għall-użu effiċjenti tar-riżorsi agrikoli lokali;

(d) li jipprovdi servizzi ta' pariri professjonali u "extension services" lill-komunità agrikola lokali; u

(e) li jservi ta' pijunier f'teknoloġiji ġodda u moderni fl-agrikultura Maltija.

3. (1) L-Istitut jitmexxa minn Bord li jkun magħmul kif ġej:

President: Ir-Rettur jew delegat tiegħu;
Viċi-President: Id-Direttur ta' l-Istitut;
Id-Direttur ta' l-Agrikultura jekk mhux ġa membru tal-Bord;
Rappreżentant għall-Ministru responsabbli għall-Agrikultura;
Il-Ko-ordinaturi ta' kull wieħed mill-programmi ta' studju;
Tliet membri maħtura mis-Senat għal tliet snin;
Membru elett mill-istaff akkademiku ta' l-Istitut u minn fosthom;
Żewġ membri eletti mill-istudenti u minn fosthom; u
Membri oħra li jistgħu jkunu msejħa mill-Bord sakemm in-numru totali tal-membri fuq il-Bord ma jkunx aktar minn ħdax.

(2) Il-Bord ikollu, dwar l-Istitut, is-setgħa li:

(a) jipproponi regolamenti lis-Senat, u li jagħmel jew jirrevoka ordinamenti;

(b) jissorvelja d-direzzjoni ġenerali tal-materji akkademiċi kollha, inklużi l-programmi tal-korsijiet ta' studju, kwalifiki għad-dħul ta' studenti, eżamijiet u gradi;

(ċ) jipproponi l-istituzzjoni, is-sospensjoni u t-tneħħija ta' karigi akkademiċi u mhux akkademiċi; u

(d) jinnomina l-Bordijiet ta' l-Eżaminaturi u l-Ko-ordinaturi għall-Programmi ta' l-Istudji.

(3) Il-funzjonijiet tal-Bord huma li:

(a) jiddeċiedi l-pjan ta' ħidma ta' l-Istitut biex jintlaħqu l-iskopijiet imsemmija aktar 'il fuq;

(b) iħares il-finanzi ta' l-Istitut; u

(ċ) jiżgura li l-Istitut jaħdem id f'id ma' korpi oħrajn, lokali u barranin kif meħtieġ biex jintlaħqu l-iskopijiet tiegħu.

4. (1) L-Istitut għandu jkollu Direttur u staff.

(2) Id-Direttur maħtur mill-Kunsill ta' l-Università wara sejħa għall-applikazzjonijiet iżomm il-kariga għal tliet snin u jista' jerġa' jiġi maħtur.

(3) Il-membri akkademiċi l-oħra jiġu maħtura mill-Kunsill ta' l-Università b'rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Istitut.

(4) L-istaff amministrattiv u ta' skrivani jista' jiġi maħtur mill-Bord ta' l-Istitut.

5. L-Uffiċjal Finanzjarju ta' l-Università jkun it-Teżorier ta' l-Istitut. Id-Direttur għandu jħejji l-estimi ta' kull sena ta' l-Istitut u jressaqhom lill-Bord biex japprovahom. Hu għandu wkoll jissottometti stqarrija finanzjarja lill-Kunsill u rapport ta' kull sena fuq il-ħidma ta' l-Istitut lis-Senat u lill-Kunsill.

6. Emendi għal dan l-istatut jistgħu jkunu proposti mill-Bord ta' l-Istitut għall-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-Università.